MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 08/17**

| | |
|---|---|
| Data: | 18 ta' Settembru 2017 |
| **Ħin:** | 6:40pm |
| Post: | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun |
| **Preżenti** | Joe Attard - Sindku<br>Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku<br>Claude Camilleri - Kunsillier<br>Joan Agius - Kunsilliera<br>Joseph Hales - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (sad-8:45pm)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali |
| **Skużati** | Amanda Abela - Kunsilliera<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

---

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| 08.01 | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 08.02 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti |
| 08.03 | Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza |
| 08.04 | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 08.05 | Quarterly Accounts |
| 08.06 | Manutenzjoni tal-Binja tal-Kunsill |
| 08.07 | **Żejt iż-Żejtun** |
| 08.08 | Tenders |
| 08.09 | Stores tal-Kunsill |
| 08.10 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti |
| 08.11 | **Affarijiet oħra** |
| 08.12 | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08. | 1. | | | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
| 08. | 1. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela ma setatx tattendi għal laqgħa peress li kienet indisposta (imejl annessa) | |
| 08. | 1. | 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Fenech ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba li kienet imsiefra (imejl annessa) | |
| 08. | 2. | | | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti | | |
| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | |
| 08. | 2. | 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 07/17 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 08. | 2. | 2 | 07.02.03 | Viċi-Sindku | Il-ġabra addizzjonali għandha ssir wara nofsinhar. | Hales |
| 08. | 2. | 3 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

08. 2. Rapporti mill-Minuti

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 02 | 04 | 07.02.10 | Agius: Għanafest | Staqsiet jekk ktibniex ittra ta' ringrazzjament u jekk kelniex risposta dwar jekk hux ser jerġa jintagħżel iż-Żejtun għas-sena li ġejja. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 02 | 05 | 07.02.11 | Chircop: Zebra Crossing | Chircop reġa staqsa jekk ktibniex lill-TM sabiex tiċċaqlaq iz-zebra crossing li tinsab fi Triq Dun Lawrenz Degabriele minħabba l-periklu. Hales qal li dan se jsir malajr kemm jista jkun. | Hales |
| 08 | 02 | 06 | 07.03.02 | Chircop: Bin tal-ħwejjeġ | Chircop staqsa kif sejjer l-andament. Is-servizz sejjer tajjeb ħafna. | |
| 08 | 02 | 07 | 07.03.03 | Agius: Memorandum of Understanding : SOS Malta/Core Platfrom | Agius staqsiet jekk ktibnielomx. Is-Sindku ser jitkellem magħhom u qal li s'issa ma hemmx żvilupp. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 02 | 08 | 07.09.04 | Caruana: Bins tal-klieb | Caruana staqsa meta ser jitwaħħlu dawn il-bins. Hales qal li ser jara fejn l-aħjar jitwaħħlu. | Hales |
| 08 | 02 | 09 | 07.09.06 | Agius: Greenpak | Agius informat il-Kunsill li l-Greenpak bagħtu l-boroż żejda peress li żdiedu l-household. Is-Sindku qal li hemm bżonn issir kampanja edukattiva. | Agius |
| 08 | 02 | 10 | | Chircop: Treasure Hunt | Chircop informa l-Kunsill li t-Treasure Hunt li saret fl-10 ta' Awwissu kienet suċċess. Irringrazzja lil Valletta 18 u l-isponsors kollha u lill-midja. | Chircop |

08 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza — Inkarigat

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML08/17. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 03 | 01 | 01 | Segretarju Eżekuttiv: Live Streaming tal-laqgħat | Is-Segretarju informa l-Kunsill li d-dipartiment talab li jsir servizz ġdid u dan sar. Il-linja li kellna ser titwaqqaf kif nikkonfermaw li kollox qed jaħdem kif suppost. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 03 | 02 | 03 | Segretarju Eżekuttiv: Inizjattiva dwar restawr ta' postijiet Storiċi | Is-Segretarju informa l-Kunsill li saret applikazzjoni sabiex jiġi restawrat ċ-Ċentru għal Arti u Artiġjanat kemm minbarra kif ukoll jekk ikun hemm bżonn xi xogħol strutturali fis-soqfa minn ġewwa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 03 | 03 | 46 | Segretarju Eżekuttiv: Devoluzzjoni ta' Ġnien iż-Żgħożija | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li kienet saret applikazzjoni għad-devoluzzjoni tal-ġnien għas-somma annwali ta' €3,105. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li, wara aktar diskussjonijiet mad-dipartiment tal-artijiet jipproċedi bid-devoluzzjoni. | Segretarju Eżekuttiv |

08. 4. **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|

08. 5. Quarterly Accounts

| Riferenza | | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 05 | 01 | | Segretarju Eżekuttiv: Quarterly Accounts | Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-quarterly accounts għax xhur April 2017 sa Ġunju 2017. Hu ta spjegazzjoni tad-dħul u l-ħruġ tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |

08. 6. Manutenzjoni tal-Binja tal-Kunsill

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 6 | 01 | | Segretarju Eżekuttiv: Manutenzjoni tal-Binjiet tal-Kunsill | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ estimi għal xogħol ta' waterproofing urġenti li hemm bżonn isir fuq il-binjiet tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jmur għal orħos waħda li hija ta' Brian Waterproofing b'garanzija ta' 10 snin u li għandu jsir dan ix-xogħol b'urġenza skond kif indikat mill-perit. | Segretarju Eżekuttiv |

08. 7. **Żejt iż-Żejtun**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 7 | 01 | | Agius: Żejt iż-Żejtun | Agius qalet li saret il-tnehdija ta' Żejt iż-Żejtun mill-Onor. Silvio Parnis. Bħas-soltu ser ikun hemm diversi wirjiet, stalls. Qalet ukoll li l-barijiet ser jingħataw lill-Għaqda Mużikali Beland u lill-Għaqda Banda Żejtun għal ħlas ta' €600 kull wieħed. Qalet ukoll li l-ammont li jitħallsu l-istess baned għas-sevizz li jagħtu waqt l-istess attivita' ser jitla għal €1,000. | Agius |

08. 8. Tenders

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 8 | 01 | | Sindku: Tenders Ħitan tas-sejjiegħ u tisbiħ ta' Ġnien San Girgor | Is-Sindku qal li ħarġu t-tenders għal xogħol ta' Ħitan tas-sejjiegħ għal Triq Xrobb l-Għaġin kif ukoll tisbiħ ta' Ġnien San Girgor. Dawn ser jagħlqu fis-16 ta' Ottubru 2017. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 8 | 02 | | Hales: Tenders | Hales qal li wasal iż-żmien li jinħareġ tender għal minor works peress li l-ħaddiema mhux ilaħħqu mal-ammont ta' xogħol. Għandu wkoll jinħareġ tender biex isir manutenzjoni tal-fanali li jinsabu fi Vjal il-25 ta' Novembru. | Segretarju Eżekuttiv |

08. 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 9 | 01 | | Tabella tal-Ħlasijiet 08/17 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | |
| 08 | 9 | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 08/17 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 9 | 3 | | Petty Cash - Lulju u Awwissu 2017 | Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Lulju u Awwissu hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €158.33 u €122.30. | Segretarju Eżekuttiv |

08 10 Stores tal-Kunsill

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 10 | 1 | | Hales: Stores | Hales informa lill-Kunsill bix-xogħol li sar u għadu għaddej fuq l-Istores tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat l-istock li hemm u l-ħaddiema ikollom fejn jaħdmu. | Hales |

08 11 **Affarijiet oħra**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 08 | 11 | 01 | Chircop: Wirja, Rivista u Cd | Chircop qal li ser jinfetħu ż-żewġ wirjiet, waġda tal-Filatelija u l-oħra tal-grupp Żoey dwar triqat iż-Żejtun bl-isem Il-Muxrafija. Qal ukoll li ħarġet rivista oħra The Melite Post kif ukoll waqt Żejt iż-Żejtun ser ikun qed jinġabar l-ħlas ta' €5 għas-cd li ser tinħareġ iktar tard. | Chircop |
| 08 | 11 | 02 | Chircop: Kompetizzjoni tal-Arti | Chircop informa l-Kunsill li ser issir kompetizzjoni tal-arti għat-tfal u ż-żgħażagħ u tal-fotografija għal kulħadd u l-isbaħ waħda magħżula ser tinħareġ fuq bolla. | Chircop |
| 08 | 11 | 03 | Chircop: Niċċa ta' San Ġużepp | Chircop informa l-Kunsill dwar il-progress tar-restawr fuq in-niċċa ta' San Ġużepp. Irringrazzja lill-Onor. Ministru Owen Bonnici tal-għajnuna sabiex jiġi rranġata l-faċċata. | Chircop |
| 08 | 11 | 04 | Chircop: Malta International Organ Festival | Chircop qal li kkuntattjah Joseph Lia sabiex jerġa jittella l-Malta International Organ Festival. Il-Kunsill qabel li dan għandu jħallas lil Joe Caruana l-Organista u jieħu ħsieb il-promozzjoni kollha min-naħa tiegħu. | Chircop |
| 08 | 11 | 05 | Chircop: Bollards fi Triq id-Duluri | Chircop staqsa dwar il-bollards li qed jitwaħħlu. Hales qal li dawn twaħħlu sabiex jitnaqqas l-abbuż ta' ipparkjar ħażin. | Hales |
| 08 | 11 | 06 | Camilleri: Xogħol fil-komunita' | Camilleri informa l-Kunsill li Valerie li tieħu ħsieb l-iscouts. Jixtiequ li jsir xogħol fil-komunita'. Ser titkellem ma' Joan biex tara fiex jistgħu jgħinu. | Agius |
| 08 | 11 | 07 | Camilleri: Triq Alfredo Cachia Zammit | Camilleri staqsa dwar il-progress f'din it-triq sabiex isiru l-crossings tal-wire. Bħala Kunsill għadna qed nistennew risposta. | Segretarju Eżekuttiv |
| 08 | 11 | 08 | Camilleri: Triq Nikola Attard | Camilleri issuġerixxa li Triq Nikola Attard tingħalaq minn u għal Triq Bugħarbiel minħabba abbuż minn trakkijiet li saħansitra qed jolqtu l-gallariji tan-nies. It-tabelli tan-No Heavy Vehicles qed jiġu njorati. Is-Sindku qal li hemmhekk għandha ssir bollard . | Hales |
| 08 | 11 | 09 | Agius: Weekend Break | Agius qalet li ser isir Weekend Break fl-aħħar weekend t'Ottubru. | Agius |
| 08 | 11 | 10 | Viċi-Sindku: Bankina perikoluża | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li l-bankina fi Triq Salvu Cacciattolo għandha bżonn manutenzjoni peress li l-madum qed jiżloq. | Sindku |
| 08 | 12 | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| Riferenza | | Rif | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | Inkarigat |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9:10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru 2017 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA

Joe Attard

IFFIRMATA

Anton Falzon